MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 254/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Agius)**
**Vs**
**Romeo Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fis-16 ta' Marzu, 2003, ghall-habta tas-1.00 p.m., gewwa l-Imqabba, minghajr hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta' Angelo Borg f'periklu car, ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' l-istess Angelo Borg, liema offiza iggib mankament jew sfregju fil-wicc kif iccertifika Dr. Milenkovic MD ta' SLH bi ksur tal-art. 214, 216, 218(1)(a) u/jew(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni w l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 7, 215, 216(b), 218(b), 227(c), 230(c), 233(a) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza izda mhux hati tat-tieni li minha lliberatu w ikkundannatu tmintax il-xahar prigunerija li pero’ wara li qieset ic-cirkostanzi ssospendithom ghall-perjodu ta’ erba’ snin sakemm l-appellant ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija f’dan il-perjodu sospiz.
Filwaqt li l-Qorti fehmet lill-appellant ir-responsabilitajiet tieghu skond dina s-sentenza ma kienitx tal-fehma li ghandha tapplika kontra tieghu l-artikolu 383 u lanqas l-artikolu 533 billi fir-rigward ta’ dan l-ahhar artikolu ma rrizultax li gew inkorsi xi spejjez ta’ esperti.

Fl-ghoti tal-piena l-Qorti kkunsidrat ukoll l-artikolu 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 citati mill-Avukat Generali dwar liema rigward l-ewwel piena f’kull kaz hi fil-parametri li tiffissa l-ligi, waqt li dwar l-ahhar zewg artikoli citati huma palesament ma jinkwadrawx.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, filwaqt li tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza w minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, alternattivament tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghal piena mposta, billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti, w dan peress illi minn l-atti processwali jirrizulta car u ampju, illi l-appellant laqghet lill-allegata vittma, w dan sabiex jiddefendi ruhu minn l-aggressjoni ta’ Borg, li jirrizulta li kien xorob sew dak inhar u li kien hu li

agredixxa lill-appellant l-ewwel ghal aktar minn darba, w dan fost hafna tghajjir, ghajjat u glied. Dan ifisser illi l-appellant agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu w minghajr ma kellu ebda intenzjoni specifika li jikkaguna l-ebda ferita fuq il-parti leza.
Illi la darba huwa agixxa b'dan il-mod, sabiex jiddefendi ruhu, huwa ma seta qatt jinstab hati tar-reat migjub kontrih u kkundannat ghal sentenza ta' habs sospiza. Dan peress illi la darba jigi ppruvat illi l-appellant agixxa b'dan il-mod sabiex jiddefendi ruhu minn l-aggressjoni ta' Borg, minghajr l-intenzjoni specifika illi jikkaguna ebda offiza fuq il-persuna tieghu, allura ai termini ta' l-artikolu 223 tal-Kap. 9, ma sehh ebda reat.
In subordine, w minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jissottometti illi fi kwalunkwe kaz il-piena mposta fuqu minn l-Ewwel Qorti hija eccessiva.

Ikkunsidrat :

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :

Fit-16 ta' Marzu, 2003 ghall-habta tas-1.00 p.m. l-appellant u Angelo sive Lino Borg kienu gewwa l-kazin Nazzjonalita ta' l-Imqabba. It-tnejn kienu qeghdin jixorbu l-birra, ghad illi Lino Borg jidher illi xorob aktar mill-appellant. Ghall-ewwel id-diskors bejniethom kien wiehed amikevoli u bdew anki jiccajtaw fuq xi tfajliet illi t-tnejn kienu jafu, izda meta d-diskors waqa' fuq tfajla partikolari, illi gieli kien hareg maghha l-appellant, id-diskuzzjoni ma baqghetx aktar amikevoli u zvolga f'argument ostili bejn l-appellant u Lino Borg. F'hin minnhom Borg hebb ghall-appellant u haslu bil-birra. L-appellant irreagixxa xejjer idejh fid-direzzjoni ta' Borg u laqtu b'tazza illi kellu f'idu. Borg intlaqat f'ghajnejh u aktar tard waqt intervent kirurgiku rrizulta illi giet perforata l-ghajn il-leminija bil-konsegwenza li l-vista taghha baqghet permanent imcajpra.

Bhala fatt mhuwiex kontestat li l-ferita giet ikkagunata mill-imputat permezz ta' tazza.

L-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-agir tal-appellant kien wiehed volontarju b'intenzjoni generika illi jikkawza xi hsara. Din il-hsara gabet dizabbilita' permanenti fuq il-parti leza li skond l-Ewwel Qorti ma kienitx newtralizzata bl-iskuzanti msemmijja fl-artikolu 227(c) b'referenza ghall-artikolu 230(b) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress illi kien jidher car illi l-appellant laqghat lil Borg sabiex jiddefendi ruhu minn aggressjoni tal-istess Borg li rrizulta li kien xurban u li kien hu li aggredixxa lill-appellant fost hafna tghajjir, ghajjat u glied. Dan ifisser illi l-appellant aggixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu minghajr ma kellu ebda intenzjoni specifika li jikkaguna ferita fuq il-parti leza. La darba kien hekk, huwa ma seta' qatt jinstab hati tar-reat migjub kontrih u invoka favur tieghu l-artikolu 223 tal-Kap. 9 li jghid :
*"ma hemmx reat meta .... l-offiza fuq persuna hija ...... mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

L-appellant ghadda biex ghamel referenza ghal diversi sentenzi kif ukoll awturi biex jiggustifika l-argument tieghu. Fost dawn ghamel referenza ghall-kawza "**Il-Pulizija vs Salvu Psaila" deciza fid-9 ta' Novembru 1963,** fejn inghad illi l-gustifikazzjoni tal-legittima difeza timplika :
1. l-aggressjoni jrid ikun ingust u llegittimu;
2. il-periklu jrid ikun attwali u prezenti waqt ir-reazzjoni;
3. li l-periklu jrid ikun inevitabbli;
4. irid ikun hemm il-proporzjonalita' bejn l-attakk u d-difiza.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti ma jidhirlix li l-imputat jista' jqajjem id-difiza tal-legittima difeza ghal dan il-kaz.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 230(c) tal-Kap. 9 jghid :
*"l-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli – jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna."*

Issa l-provokazzjoni illi kien suggett ghaliha l-appellant kien jikkonsisti f'argumenti u fl-aghar ipotesi hasil bil-birra. Dawn kollha jgibu konsegwenzi ta' natura kontravenzjonali izda zgur mhxu ta' delitt kif jistipula l-artikolu 230(c) fuq imsemmi.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma jistax isib konfort minn dan l-artikolu, pero' l-appellant qieghed jinvoka wkoll, b'mod generali, l-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali li jghid :
*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi mill-awtorita' legittima jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Issa kif gja inghad hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi biex tinvoka din l-istriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Hawn ukoll il-Qorti jidhrilha illi dawn l-elementi ma jissostux f'dan ir-rigward, anki jekk l-appellant ghandu ragun jilmenta illi l-aggressjoni illi ssubixxa kienet ingusta zgur illi ma kienitx la gravi u lanqas inevitabbli.

Rigward il-gravita', din il-Qorti jidhrilha illi dan irid ikun abbinat mal-artikolu 230(c) fuq imsemmi u cioe' illi l-gravita' trid tkun abbinata ma' agir illi jgib konsegwenzi ta' delitt u mhux dawk kontravenzjonali li ghandna f'dan il-kaz.

Gie ritenut li l-inevitabbilita' tavvera ruhha meta din ma tkunx mistennija jew imprevista. Il-Maino, fil-ktieb tieghu, Commento al Codice Penale (Vol. I page 135) jghid :
*"Quanto l'inevitabbilita' del pericolo, autorevoli trattatisti di diritto penale richiedono, perche questa condizione si verifichi, che il pericolo sia improvviso, impreveduto – osservando che se il pericolo e' preveduto di previsione certa, vi ha colpa nell' affrontarlo. "*

Da fil-fatt huwa l-hsieb wara l-argument fil-kawza **"Il-Pulizija vs Augusto Auguriaro"** ikkwotat mill-appellant.

Id-dinamika ta’ l-incident juri illi l-argument kien beda jishon zmien mhux hazin u kien hemm anki tghajjir bejn l-appellant u l-parti leza.

Dan l-appellant jghid illi hin minnhom hareg il-barra w rega’ dahal u l-argument kompla. Jekk il-parti leza kien fi stat xurban bhal ma’ l-appellant jghid illi kien, allura kien f’posizzjoni li jipprevedi dak illi kien ser jigri u missu baqa’ barra w mhux jidhol fil-bar u jkompli l-argument, u hawn jigi fi kliem l-istess kawza **“Il-Pulizija vs Augusto Auguriaro”** meta l-Qorti tghid :
*“...... minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista’ b’mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b’mod li jipprecipita’ huwa stess il-konfront fiziku.”*

Dana huwa proprju dak illi ghamel l-appellant meta rega’ dahal lura fil-bar biex ikompli jikkonfronta lil parti leza.

Fl-ahhar il-Qorti ssib illi ma kien hemm l-ebda proporzjonalita’ bejn l-aggressjoni illi ssubixxa l-appellant u l-mizuri difensjonali illi ha. Hu pacifiku li l-aggressjoni illi ssubixxa l-appellant kien hasil bil-birra w irreagixxa billi qabad it-tazza illi kellu f’idejh u xejjirha fid-direzzjoni tal-parti leza.

Hawnhekk il-Maino jghallem (Ibid page 135 para 225) :
*“la proporzione tra la violenza e la reazione non dev’essere intesa in un senso farisaicamente materiale, come talvolta si vede nella pratica gurisprudenza, ritenendo, per ezempio, che per la legittima difesa occhorra pericolo di ferite se chi si difese ha ferito, e pericolo di morte se chi si difese ha ucciso. Bisogna invece aver riguardo anche ai mezzi di quali poteva disporre la gente al momento della aggressione, alla possibilita’ per lui di fronte all’iminente pericolo di operare altrimenti, e allo stato dell’animo suo.”*

L-appellant jargumenta illi l-mezzi li seta’ jiddisponi minnhom dak il-hin kienet it-tazza li kellu f’idejh, izda l-

Maino jghid ukoll illi titqies il-possibilita’ li dak li jkun jaggixxi mod iehor ghall-periklu illi jkun infaccat bih.

Ma hemmx dubju, li l-appellant kellu ghazla u seta’ jopera mod iehor u zgur illi ma kienx hemm ghalfejn ixxejjer tazza fid-direzzjoni tal-parti leza, anki jekk dana ghamlu b’mod generiku sabiex iwegga izda mhux illi jikkawza ferita permanenti.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-appellant u jidhrilha illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-argumenti taghha.

Hu principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza taghna ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti jew sentenzi mill-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondiet ta’ l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha **(Il-Pulizija vs Raymond Psaila et. 12.05.1994)**.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament approfondiet u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz illi dik is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------